C/2024/6019

23.10.2024

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u rinnovabbli: il-bini tal-kapaċità tal-industrija Ewropea għad-dekarbonizzazzjoni tas-setturi tal-avjazzjoni u marittimi fi spirtu ta' awtonomija Ewropea

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(C/2024/6019)

Relatur: **Anastasis YIAPANIS**

Korelatur: **Franck UHLIG**

Konsulenti: Mihai IVAŞCU (għar-relatur, Grupp III)
Elspeth HATHAWAY (għall-korelatur, Grupp II)

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	18.1.2024
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta' Proċedura
Sezzjoni kompetenti	Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI)
Adozzjoni fis-sezzjoni	6.6.2024
Adozzjoni fis-sessjoni plenarja	10.7.2024
Sessjoni plenarja Nru	589
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	198/0/4

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Madwar l-UE ġew imnedija diversi proġetti għall-produzzjoni ta' fjuwils sostenibbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju. Madankollu, dawn jinsabu fi stadji bikrija varji ta' żvilupp, u hemm nuqqas notevoli ta' inċentivi għall-adozzjoni tagħhom. Il-kostijiet għoljin tal-produzzjoni u l-inċertezza rigward id-disponibbiltà ta' fjuwils sostenibbli għadhom ostakli sinifikanti biex jiġu żgurati ftehimiet għall-użu mifrux tagħhom. In-nuqqas ta' produzzjoni ta' fjuwils sostenibbli fl-UE jkollu impatt negattiv fuq l-awtonomija strateġika tal-UE.

1.2. Il-KESE jirrakkomanda pjan direzzjonali komprensiv biex jiżdied gradwalment l-użu tal-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli (SAF) biex tiġi żgurata l-istabbiltà fl-ippjanar għall-partijiet ikkonċernati kollha. Il-kisba ta' dekarbonizzazzjoni vera fl-avjazzjoni teħtieġ kooperazzjoni internazzjonali u impenji ambizzjużi vinkolanti mill-partijiet ikkonċernati globali u l-pajjiżi kollha.

1.3. L-industrija marittima se tiffoka biex sal-2030 jiġu żviluppati u implimentati sistemi ta' propulsjoni affidabbli, infrastruttura tal-provvista tal-fjuwils, u teknoloġiji marbuta mal-loġistika fuq skala kbira. Għad hemm sfida sinifikanti biex tiġi stabbilita l-infrastruttura tal-bunkering meħtieġa fil-portijiet madwar id-dinja b'mod li l-bastimenti jiġu fornuti b'mod sikur bi fjuwils alternattivi.

1.4. Il-KESE jenfasizza li hemm riskju li jista' jkun hemm kemm nuqqas ta' riżorsi ta' materja prima disponibbli kif ukoll tal-volumi meħtieġa ta' enerġija dekarbonizzata biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni lejn il-manifattura ta' fjuwils sostenibbli. Huma meħtieġa approċċ olistiku u djalogu strutturat ma' diversi industriji (l-agrikoltura, is-sustanzi kimiċi, l-immaniġġjar tal-iskart u r-riċiklaġġ) biex jiġu stabbiliti ktajjen ta' valur essenzjali.

1.5. Il-Kumitat jirrikonoxxi l-ħtieġa għal appoġġ pubbliku konkret u qafas regolatorju stabbli biex tingħata spinta lill-kompetittività tas-settur tal-idroġenu globalment. Għad hemm inċertezzi fir-rigward tal-fattibbiltà, il-perjodi ta' żmien u l-ispejjeż tal-espansjoni tal-faċilitajiet tal-qbid dirett mill-arja, kif ukoll rigward id-disponibbiltà, is-sikurezza u r-rekwiżiti tal-infrastruttura assoċjati mal-produzzjoni tal-idroġenu.

1.6. Il-KESE jħeġġeġ lil dawk li jfasslu l-politika tal-UE biex jistabbilixxu kundizzjonijiet regolatorji li jgħinu biex jirrilaxxaw l-investimenti, inkluż billi jipprovdu inċentivi aħjar biex jistimulaw il-produzzjoni immedjata u jikkultivaw suq konkret għall-fjuwils b'impronti tal-karbonju mnaqqsa. Jipproponi l-allinjament tat-tassazzjoni mal-impatt fuq il-klima ta' kull fjuwil, u jappoġġja proposta applikabbli għall-Ewropa kollha għal mekkaniżmi ta' inċentivi robusti, inkluża tassazzjoni baxxa ħafna jew żero fuq fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

1.7. Huma meħtieġa investimenti sostanzjali fil-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u rinnovabbli u fl-infrastruttura relatata, inkluż finanzjament għal diversi komponenti tal-produzzjoni tal-fjuwils, proċessi rapidi għall-ħruġ tal-permessi u taħriġ tal-impjegati. L-għotjiet u s-sussidji tal-UE ma jagħtux prijorità biżżejjed lill-iżvilupp ta' infrastruttura tal-produzzjoni ta' fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u rinnovabbli għas-settur tal-avjazzjoni u dak marittimu.

1.8. Il-KESE jqis li l-kuntratti għad-differenzi huma mekkaniżmu effettiv biex jinċentivaw l-investimenti f'teknoloġiji bi spiża tal-produzzjoni mhux kompetittiva, li jgħinu fl-istabbilizzazzjoni tal-prezzijiet u jipprovdu ċertezza għall-investituri.

1.9. Jeżistu diversi forom ta' assistenza finanzjarja pubblika iżda dawn mhumiex adattati għall-ħtiġijiet speċifiċi tas-settur tal-avjazzjoni u dak marittimu. Fejn meħtieġ, għandhom jiġu implimentati forom ġodda, inklużi fondi ta' investiment pubbliku Ewropew u riżorsi tal-gvern, biex jittaffew ir-riskji assoċjati mal-investiment f'faċilitajiet ta' produzzjoni pijunieri.

1.10. Sforzi mtejba ta' R&Ż huma essenzjali biex jitnaqqsu l-ispejjeż ta' teknoloġiji avvanzati b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u biex tiġi ffaċilitata l-kummerċjalizzazzjoni tagħhom. Fuq terminu qasir, il-KESE jappella għal strateġija olistika għal tranżizzjoni nadifa ta' ktajjen sħaħ tal-valur industrijali, li tinkorpora l-integrazzjoni tal-idroġenu, iżżid l-iskala tal-produzzjoni tal-bijofjuwils, tespandi l-produzzjoni tal-fjuwils sintetiċi, u tkompli s-sħubijiet settorjali eżistenti taħt is-suċċessur tal-Orizzont Ewropa.

1.11. L-industrija tal-avjazzjoni u dik marittima għandhom jieħdu inizjattivi fil-pront biex jiżguraw l-aċċess għal riżorsi tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, u d-disponibbiltà ta' teknoloġiji industrijali allinjati ma' dawn l-objettivi. L-isforzi tagħhom għandhom ikunu appoġġjati minn inċentivi u mekkaniżmi ta' appoġġ, kif ukoll qafas regolatorju koerenti kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak internazzjonali.

1.12. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea biex timpenja ruħha sabiex tipprovdi biżżejjed finanzjament fit-tul għar-R&Ż għal teknoloġiji ġodda, inkluż permezz ta' programmi bħal Orizzont Ewropa, il-Fond għall-Innovazzjoni u Invest EU. Il-Kumitat jinsisti fuq il-kundizzjonalità soċjali għall-finanzjament pubbliku kollu biex jiġi żgurat użu responsabbli tal-flus tal-kontribwenti tal-UE.

1.13. Il-KESE jappella għal kampanji ta' sensibilizzazzjoni u edukattivi fil-livell reġjonali, nazzjonali u tal-UE biex jissaħħaħ il-fehim dwar l-importanza tal-fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Fi ħdan il-qafas usa' biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tal-ħiliet u t-tranżizzjonijiet tal-impjiegi, u biex jitrawwem djalogu soċjali ta' kwalità tajba, huma meħtieġa programmi għall-iżvilupp tal-ħiliet avvanzati, inkluż taħriġ vokazzjonali u appoġġ għat-tranżizzjonijiet tal-impjiegi fl-intier tal-ktajjen tal-valur. Il-KESE jtenni l-prijorità li jiġu żgurati standards għoljin ta' saħħa u sikurezza għall-ħaddiema tul il-katina tal-provvista, b'mod partikolari waqt l-adozzjoni ta' proċessi u fjuwils ekoloġiċi ġodda.

1.14. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa kritika li tiġi ppreservata u msaħħa l-kompetittività tal-industrija tal-UE fid-dawl tal-kompetizzjoni globali intensa, u jirrakkomanda mekkaniżmi ta' monitoraġġ u impenji internazzjonali vinkolanti. Dan jirrikjedi l-implimentazzjoni ta' politiki, finanzjament, u inċentivi fiskali biex tinżamm il-pożizzjoni internazzjonali tal-atturi industrijali tal-UE, b'mod partikolari minħabba l-miżuri klimatiċi simili limitati f'ħafna ekonomiji mhux tal-UE.

2. **Kummenti ġenerali**

2.1. L-Unjoni Ewropea għandha l-għan li tilħaq in-newtralità klimatika sal-2050 u timpenja ruħha biċ-ċar favur trasport ekoloġiku fis-settur marittimu u f'dak tal-avjazzjoni permezz ta' inizjattivi Ewropej ewlenin bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %" u l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti, li l-għan tagħhom huwa li jkomplu jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u jintużaw fjuwils aktar sostenibbli għat-trasport marittimu u bl-ajru. Biex tikkontribwixxi għall-miri tal-2050, l-industrija tar-raffinar tal-UE tistma li se jkun meħtieġ investiment li jvarja minn EUR 400 sa 650 biljun ([1]).

2.2. Ġew imnedija diversi proġetti madwar l-UE għall-produzzjoni ta' fjuwils sostenibbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Dawn jinsabu f'fażijiet tal-bidu differenti, u l-KESE jinnota li l-kostijiet ogħla tal-produzzjoni, l-inċertezza dwar id-disponibbiltà ta' fjuwils alternattivi sostenibbli u n-nuqqas ta' tnaqqis fid-diskrepanza fil-prezzijiet meta mqabbla ma' fjuwils fossili huma ostakli kbar għall-iżvilupp tagħhom.

([1]) Fuels Europe – Clean fuels for all.

2.3. Il-Kummissjoni Ewropea nediet żewġ alleanzi Ewropej magħmulin minn partijiet ikkonċernati rilevanti biex jinvestigaw l-isfidi li jiffaċċjaw is-settur tal-avjazzjoni u dak marittimu u b'hekk jiġu identifikati soluzzjonijiet potenzjali: l-Alleanza għall-Avjazzjoni b'Emissjonijiet Żero li tkopri s-settur tal-avjazzjoni u l-Alleanza Industrijali għall-Katina tal-Valur tal-Fjuwils Rinnovabbli u b'Livell Baxx ta' Emissjonijiet tal-Karbonju li tkopri kemm is-settur marittimu kif ukoll dak tal-avjazzjoni.

3. **Is-settur tal-avjazzjoni**

3.1. L-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru (IATA) tistma li 450 biljun litru ta' fjuwil tal-avjazzjoni sostenibbli (SAF) se jkunu meħtieġa sal-2050 biex tinkiseb tranżizzjoni għal emissjonijiet żero netti ([2]). L-inizjattiva ReFuelEU Aviation tistipula li l-fjuwil tal-avjazzjoni sostenibbli irid jikkostitwixxi 2 % tal-fjuwil ipprovdut fl-ajruporti tal-UE sal-2025, li jiżdied għal 6 % sal-2030, u jiżdied gradwalment għal 70 % sal-2050. Barra minn hekk, dawn il-miri jinkludu sehem medju ta' 1,2 % għall-fjuwils sintetiċi bejn l-2030 u l-2031, li se jiżdied gradwalment għal 35 % sal-2050. Il-KESE appella għal "pjan direzzjonali realistiku u komprensiv għaż-żieda inkrementali fl-użu tal-SAF biex tipprovdi stabbiltà fl-ippjanar għall-partijiet ikkonċernati kollha" ([3]).

3.2. B'approċċ tassew ambizzjuż u globali meħtieġ biex jiġu ddekarbonizzati l-aspetti kollha ta' dan is-settur kumpless (id-disinn tal-inġenji tal-ajru, il-produzzjoni, l-immaniġġjar tal-ajruporti, il-trajettorja tat-titjiriet eċċ.), id-data turi li l-biċċa l-kbira tal-gassijiet b'effett ta' serra huma ġġenerati waqt il-propulsjoni ([4]). Għalhekk, magni aktar effiċjenti, imħaddma b'fjuwils sostenibbli, se jkunu meħtieġa fi żmien qasir, flimkien mal-idroġenu u l-elettriku nadif fil-futur.

3.3. Id-dekarbonizzazzjoni vera tas-settur tal-avjazzjoni tkun possibbli biss jekk il-partijiet ikkonċernati internazzjonali kollha jingħaqdu biex jaqblu dwar impenji ambizzjużi u vinkolanti.

4. **Is-settur marittimu**

4.1. L-inizjattiva FuelEU Maritime tapplika għal bastimenti kummerċjali ta' tunnellaġġ gross ta' aktar minn 5 000 tunnellata irrispettivament mill-bandiera tagħhom u tippromovi l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, u teknoloġiji ta' enerġija nadifa għall-bastimenti. Din tintroduċi limiti massimi dejjem aktar stretti għall-intensità medja annwali tal-gassijiet serra tal-enerġija użata minn dawn il-bastimenti u tintroduċi wkoll rekwiżiti addizzjonali ta' emissjonijiet żero għall-bastimenti rmiġġati, bl-obbligu ta' użu ta' provvista tal-enerġija fuq l-art jew teknoloġiji alternattivi b'emissjonijiet żero fil-portijiet.

4.2. L-enfasi primarja tal-industrija se tkun fuq l-iżvilupp ta' sistemi ta' propulsjoni affidabbli, teknoloġiji tal-fjuwil u infrastruttura tal-provvista tal-fjuwil, u sussegwentement l-introduzzjoni tagħhom fis-suq fuq skala kbira. Il-KESE jirrimarka wkoll li "[w]ieħed mill-akbar ostakli għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur marittimu ser ikun il-forniment ta' infrastruttura ġdida ta' bunkering li ser tkun meħtieġa fil-portijiet madwar id-dinja biex il-vapuri jiġu fornuti b'mod sikur bi fjuwils alternattivi." ([5]).

4.3. Id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport marittimu teħtieġ approċċ olistiku u newtrali fir-rigward tat-teknoloġija li jqis kif imiss l-għażliet kollha tal-fjuwil u l-impatti operattivi u soċjetali tagħhom. Madankollu, il-prezz, il-volumi sinifikanti, ir-rekwiżiti tal-ħażna u t-tħassib dwar is-sikurezza assoċjati mal-fjuwils alternattivi sostenibbli jistgħu jfixklu l-użu tagħhom fit-trasport marittimu. Għall-idroġenu, l-isfidi teknoloġiċi jridu jiġu indirizzati qabel l-użu tiegħu fit-trasport marittimu fil-baħar miftuħ. Il-fjuwils likwidi sostenibbli għandhom il-vantaġġ li għalihom jistgħu jintużaw l-infrastrutturi eżistenti tal-fjuwils fossili għall-ħżin u t-trasport.

4.4. Il-partijiet ikkonċernati marittimi Ewropej saħqu b'mod persistenti biex jinħoloq fond biex juża d-dħul mill-EU ETS u mill-penali tal-inizjattiva FuelEU Maritime sabiex it-trasport fuq l-ilma b'emissjonijiet żero u l-fjuwils aktar nodfa jsiru kummerċjalment vijabbli. Minkejja pakkett finanzjarju marittimu ddedikat fil-Fond għall-Innovazzjoni, iffinanzjat mid-dħul tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, huma meħtieġa aktar sforzi biex jaċċelleraw it-trasport fuq l-ilma b'emissjonijiet żero u l-produzzjoni sostenibbli tal-bastimenti. Il-piż amministrattiv għandu jiġi mminimizzat biex l-SMEs ikunu jistgħu japplikaw għal sejħiet mill-Fond għall-Innovazzjoni.

([2]) IATA, 2022 SAF Production Increases 200 % - More Incentives Needed to Reach Net Zero (Il-produzzjoni tal-SAF fl-2022 tiżdied b'200% - Huma meħtieġa aktar inċentivi biex jintlaħqu l-emissjonijiet żero netti [mhux disponibbli bil-Malti]).

([3]) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għal trasport bl-ajru sostenibbli (ĠU C 105, 4.3.2022, p. 134).

([4]) Aerospace Research Central, Considerations for Reducing Aviation's CO2 with Aircraft Electric Propulsion (Kunsiderazzjonijiet għat-tnaqqis tas-CO_2 tal-avjazzjoni permezz tal-propulsjoni elettrika tal-inġenji tal-ajru [mhux disponibbli bil-Malti]).

([5]) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE" (ĠU C 152, 6.4.2022, p. 145).

5. **L-aċċess għar-riżorsi**

5.1. Il-KESE jenfasizza r-riskju ta' nuqqas potenzjali ta' riżorsi ta' materja prima disponibbli li jkunu meħtieġa għat-tranżizzjoni. Id-disponibbiltà tal-bijomassa, l-iskart, ir-residwi, iż-żejt tat-tisjir użat, ix-xaħmijiet tal-annimali eċċ. hija limitata u dawn ir-riżorsi jintużaw ukoll għal skopijiet oħra. Huma meħtieġa approċċ olistiku u djalogu strutturat ma' diversi industriji (l-agrikoltura, is-sustanzi kimiċi, l-immaniġġjar tal-iskart, ir-riċiklaġġ, eċċ.) biex jiġu stabbiliti ktajjen ta' valur essenzjali.

5.2. Il-KESE jinnota li hemm studji konfliġġenti dwar il-kwantità ta' bijomassa sostenibbli disponibbli fl-Ewropa għas-settur tat-trasport u, għalhekk, għandu dubji dwar il-kapaċità tal-Ewropa li tkun awtosuffiċjenti f'dan ir-rigward. Jirrikonoxxi wkoll li l-użu tal-bijomassa sostenibbli m'għandux jipperikola l-użu primarju ta' materja prima, jew jikkompeti miegħu. Bl-istess mod, il-KESE jinsab imħasseb dwar il-kapaċità tal-Ewropa li tforni l-kwantitajiet dejjem jikbru tal-enerġija dekarbonizzata meħtieġa għall-manifattura tal-e-fjuwils. Bħala tali, il-ħtieġa li wieħed iħares lejn il-materja prima bħala komponent strateġiku tal-proċess ta' tranżizzjoni trid titqies bħala prijorità.

5.3. Is-settur tal-idroġenu jeħtieġ appoġġ pubbliku tanġibbli u qafas regolatorju konsistenti biex tintlaħaq kompetittività fuq skala sħiħa fis-suq globali. Minkejja li diġà jeżistu strateġiji politiċi mill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jespandu l-kapaċitajiet tal-produzzjoni tal-idroġenu ekoloġiku, it-teknoloġija affordabbli hija ineżistenti, u għadu mhux ċert jekk l-applikazzjoni fuq skala akbar tistax tinkiseb f'perjodu ta' żmien realistiku u bi spejjeż raġonevoli. Barra minn hekk, għad fadal mistoqsijiet dwar id-disponibbiltà, l-ispejjeż tal-produzzjoni, is-sikurezza u r-rekwiżiti tal-infrastruttura.

6. **Finanzjament u investimenti**

6.1. Għalkemm ReFuelEU Aviation u FuelEU Maritime jipprovdu ċertezza regolatorja, il-produtturi ta' fjuwils sostenibbli jindikaw li s-self bankarju għadu diffiċli biex jinkiseb u l-fondi ta' kapital ta' riskju għadhom joqogħdu lura milli jinvestu fil-proġetti tagħhom. Il-KESE jħeġġeġ lil dawk li jfasslu l-politika tal-UE biex joffru inċentivi akbar għall-produzzjoni immedjata u l-ħolqien ta' suq reali għal fjuwils b'impronta tal-karbonju mnaqqsa. Barra minn hekk, fir-rigward tat-tassonomija, il-KESE jemmen li definizzjonijiet ta' proġetti sostenibbli bbażati fuq il-kriterji ambjentali, soċjali u ta' governanza (ESG) għandhom jiġu fformulati b'tali mod li jagħtu spinta lill-finanzjament għat-tranżizzjoni tal-enerġija u l-ambizzjoni klimatika. Barra minn hekk, il-politiki tal-UE u dawk nazzjonali li jrawmu l-investiment privat u jħaffu l-pass tal-adozzjoni ta' fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u sostenibbli huma meħtieġa biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni lejn futur tal-enerġija aktar sostenibbli.

6.2. L-argument għall-vijabbiltà tal-investiment fil-kapaċità tal-manifattura għal bijofjuwils sostenibbli u e-fjuwils għall-avjazzjoni u l-qasam marittimu jiddgħajjef meta l-allokazzjoni tal-koprodotti (bħal bijo- jew e-nafta, bijo- jew e-petrol, bijo- jew e-żejt tal-gass) tkun inċerta. Biex tintlaħaq din l-isfida, huwa għalhekk meħtieġ li jinħolqu swieq għall-bijofjuwils u l-e-fjuwils kollha prodotti.

6.3. L-UE stabbiliet bosta mekkaniżmi ta' finanzjament, inklużi dawk li jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' ekosistema tal-idroġenu ekoloġiku, (eż. il-Bank tal-Idroġenu introdott reċentement ([6])). Madankollu, l-għotjiet u s-sussidji tal-UE m'għandhomx enfasi adegwata fuq id-dimensjoni speċifika tal-avjazzjoni u dik marittima, inkluż għall-infrastruttura b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u ta' fjuwils rinnovabbli.

6.4. Il-kuntratti għal differenza jirrappreżentaw mekkaniżmu effettiv biex jiġu inċentivati investimenti f'teknoloġiji li bħalissa m'għandhomx kompetittività f'termini ta' spejjeż tal-produzzjoni, minħabba l-għażla tal-produtturi l-aktar effiċjenti permezz ta' rkant invers, li sussegwentement jissussidjaw il-fjuwils biss sal-prezz predeterminat. Il-KESE jappoġġja l-introduzzjoni tagħhom u jqis li se jgħinu biex jistabbilizzaw il-prezzijiet u jipprovdu ċertezza għall-investituri, u b'hekk jappoġġjaw it-tkabbir tas-suq tal-fjuwils sostenibbli.

6.5. L-investiment f'faċilitajiet ta' produzzjoni pijuniera se jinvolvi riskji teknoloġiċi u kummerċjali inerenti, li jirriżultaw fi spejjeż ta' finanzjament għall-forniturituri tal-fjuwil. Għalhekk, għandhom jintużaw diversi forom ta' assistenza finanzjarja pubblika biex jittaffew dawn ir-riskji, inkluż minn fondi Ewropej ta' investiment pubbliku, riżorsi tal-gvern u banek għall-iżvilupp reġjonali. Barra minn hekk, dawk li jieħdu l-ewwel pass għandu jkollhom fiduċja fiż-żmien ta' rkupru tal-investimenti tagħhom, waqt li jserrħu fuq iċ-ċertezza legali u jibbenefikaw minn kundizzjonijiet qafas li jneħħu r-riskju u b'hekk jistimulaw l-investimenti tagħhom.

6.6. Sabiex jiġi żgurat użu akbar u aktar rapidu ta' fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u rinnovabbli, il-KESE jitlob li t-tassazzjoni għandha tallinja mal-impatt fuq il-klima ta' kull fjuwil. Japprova proposta għall-Ewropa kollha għal mekkaniżmu ta' inċentiv robust ibbażat fuq tassazzjoni baxxa ħafna jew żero fuq fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju biex jiffaċilita l-ipprezzar tal-fjuwil soċjalment aċċettabbli waqt li jinkoraġġixxi wkoll l-investimenti fil-fjuwils sostenibbli.

([6]) Bank Ewropew tal-Idroġenu.

7. **Ir-Riċerka u l-Iżvilupp (R&Ż)**

7.1. Sforzi addizzjonali ta' R&Ż huma meħtieġa biex jitnaqqsu l-ispejjeż ta' teknoloġiji avvanzati, b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u rinnovabbli, u biex tiġi ffaċilitata l-kummerċjalizzazzjoni tagħhom. Il-produzzjoni ta' fjuwils sostenibbli tirrikjedi l-iżvilupp ta' infrastrutturi industrijali avvanzati, inklużi teknoloġiji bħall-elettroliżi b'temperatura għolja u teknoloġiji ta' qbid dirett mill-arja tal-karbonju. Fi żmien qasir, huwa meħtieġ pjan direzzjonali ċar għall-bidla tal-industrija, inklużi l-integrazzjoni tal-idroġenu, żieda sostanzjali fil-produzzjoni tal-bijofjuwils u l-espansjoni tal-produzzjoni tal-fjuwil sintetiku.

7.2. L-adozzjoni ta' fjuwils sostenibbli trid tkun ibbażata fuq l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi ta' inċentivi u appoġġ, l-istabbiliment ta' qafas regolatorju koerenti kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak internazzjonali biex jitrawwem suq vijabbli u effiċjenti, u l-involviment f'ippjanar fit-tul għal kwalunkwe fjuwil b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u rinnovabbli, inkluża l-produzzjoni tal-bijomassa u tal-elettriku b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju. Strateġija ddedikata għat-tranżizzjoni tal-fjuwils għandha tiġi implimentata fit-tul, u tkopri l-komponenti kollha tal-katina tal-provvista: il-materja prima (bijomassa sostenibbli, skart, elettriku rinnovabbli u CO_2 riċiklat), il-loġistika għall-ġbir u t-trasport ta' materja prima lejn impjanti ta' manifattura, u l-faċilitajiet ta' produzzjoni. Taħlita ta' konverżjoni ta' raffineriji eżistenti u installazzjoni ta' impjanti ddedikati ġodda se tissalvagwardja l-kapaċità tad-domanda tal-UE.

7.3. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea timpenja ruħha li tipprovdi biżżejjed finanzjament Ewropew fit-tul għar-R&Ż għal teknoloġiji ġodda, inkluż permezz ta' Orizzont Ewropa, il-Fond għall-Innovazzjoni, Invest EU, u l-estensjoni ta' sħubijiet settorjali eżistenti għas-settur tal-avjazzjoni u s-settur marittimu. L-avvanzi fit-teknoloġija jistgħu jgħinu biex jitnaqqsu l-ispejjeż u tiżdied il-kompetittività tal-fjuwils rinnovabbli. Il-KESE jinsisti fuq il-kundizzjonalità soċjali għall-finanzjament pubbliku kollu biex jiġi żgurat li l-flus tal-kontribwenti tal-UE jintużaw b'mod responsabbli.

8. **L-aspetti soċjali u t-tranżizzjoni ġusta**

8.1. L-ammonti kbar ta' elettriku, bijomassa u ilma meħtieġa għall-produzzjoni ta' e-fjuwils jistgħu jżidu x-xetiċiżmu fost il-komunitajiet lokali rigward it-teknoloġiji. Sabiex tiġi żgurata l-aċċettazzjoni pubblika, huwa essenzjali li l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili jiġu involuti b'mod estensiv permezz ta' djalogu infurmat miftuħ u trasparenti, u b'hekk jiġu evitati dewmien, ambigwità ġuridika u spejjeż potenzjali, waqt li tiġi żgurata l-aċċettabbiltà soċjali għal proġetti ta' fjuwils sostenibbli.

8.2. Il-KESE jitlob inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni u edukattivi fil-livell reġjonali, nazzjonali u tal-UE bil-għan li jrawmu fehim aktar profond dwar il-ħtieġa għal fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, flimkien ma' teknoloġiji emerġenti, il-vantaġġi tagħhom għas-sostenibbiltà lokali u l-kompetittività futura. Se jinħolqu impjiegi ġodda, li għandhom ikunu impjiegi ekoloġiċi ta' kwalità tajba, u l-Kumitat jantiċipa l-ħtieġa għal programmi ta' żvilupp ta' ħiliet avvanzati fil-katina tal-provvista kollha, inklużi programmi ta' taħriġ vokazzjonali kumplessi u appoġġ għal tranżizzjonijiet minn impjieg għal ieħor li jinvolvu wkoll lill-ġenerazzjoni żagħżugħa.

8.3. Fuq perjodu twil ta' żmien, ir-rekwiżit li jiġu utilizzati progressivament fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli huwa mistenni li jżid l-ispejjeż għal-linji tal-ajru, u dan ikompli jirriżulta fi spejjeż akbar għall-passiġġieri u għat-trasportaturi tal-merkanzija bl-ajru. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-impatt soċjali u, potenzjalment, l-impatt fuq il-kompetittività tal-industrija Ewropea, speċjalment f'każijiet fejn il-kompetituri internazzjonali mhumiex obbligati li jikkonformaw ma' miżuri simili. Barra minn hekk, fit-tfassil tal-politiki tal-avjazzjoni, huwa essenzjali li titqies il-konnettività mnaqqsa tal-gżejjer Ewropej, it-territorji remoti u l-Istati Membri li huma dipendenti għalkollox mill-konnessjonijiet bl-ajru u/jew marittimi mas-suq uniku.

8.4. Meta tiġi kkunsidrata t-tranżizzjoni ekoloġika tas-settur tal-avjazzjoni u tas-settur marittimu tal-Ewropa, huwa essenzjali li jiġi żgurat li din tiġi mmaniġġjata b'mod soċjalment ġust. Trid tiġi ggarantita tranżizzjoni ekoloġika ġusta biex tipprevjeni ir-reġjuni, il-kumpaniji u l-ħaddiema ma jitħallewx jibqgħu lura, billi jiġu previsti kemm żvilupp jew titjib tal-ħiliet adegwati, kif ukoll tranżizzjonijiet bejn l-impjiegi fejn meħtieġ. Djalogu soċjali ta' kwalità tajba fil-livell reġjonali, nazzjonali u tal-UE huwa essenzjali.

8.5. Il-KESE jtenni l-ħtieġa li jiġu ggarantiti standards għoljin ta' saħħa u sikurezza għall-ħaddiema kollha tul il-katina tal-provvista u fl-istadji kollha tal-operat tal-inġenji tal-ajru jew tal-bastimenti, partikolarment meta jiġu introdotti proċessi ekoloġiċi jew diġitali ġodda u bl-użu ta' fjuwils ġodda.

9. **Il-kompetittività tal-industrija Ewropea**

9.1. Il-KESE jissottolinja l-importanza li tinżamm u tissaħħaħ il-kompetittività tal-industrija tal-UE. It-trasformazzjoni sostenibbli mistennija tas-settur marittimu u tas-settur tal-avjazzjoni trid tkun appoġġjata minn politiki, finanzjament, faċilitajiet tat-taxxa, eċċ. biex l-atturi industrijali jinżammu f'livell kompetittiv ħafna fuq livell internazzjonali, speċjalment peress li l-biċċa l-kbira tal-ekonomiji barra l-UE għad iridu jimplimentaw miżuri sostanzjali dwar il-klima. Iż-żamma ta' bażi industrijali b'saħħitha fi ħdan l-UE, appoġġjata minn strateġiji, politiki, finanzjament u leġiżlazzjoni settorjali, hija essenzjali biex jiġu żgurati l-prosperità u impjiegi ta' kwalità għolja.

9.2. Il-KESE jirrimarka li hemm il-ħtieġa li jittieħdu aktar passi biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fil-livell globali. Għandu jsir monitoraġġ biex jiġi żgurat li l-atturi internazzjonali kollha jsegwu r-regoli, pereżempju t-tankering tal-fjuwil għal-linji tal-ajru. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jagħmlu pressjoni biex l-istati membri kollha tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali u tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali jieħdu impenji internazzjonali vinkolanti għad-dekarbonizzazzjoni.

9.3. Fl-istess ħin, jeħtieġ li jiġu stabbiliti inċentivi għat-tiġdid tal-flotta biex jistimulaw id-domanda domestika u l-modifika retroattiva tal-flotta, li għandhom ikunu ta' benefiċċju għall-kumpaniji u l-ħaddiema fis-settur marittimu u s-settur ajruspazjali Ewropej. Dwar is-settur marittimu, il-KESE dan l-aħħar appella għal strateġija industrijali marittima, inkluż "miżuri urġenti li jistimulaw id-domanda domestika għal bastimenti ekoloġiċi u ta' teknoloġija avvanzata, inkluż programm tal-UE għat-tiġdid tal-flotta u l-modifika retroattiva ta' bastimenti eżistenti… [u billi] jiġi stabbilit Fond Marittimu tal-UE apposta" ([7]). Il-Kumitat jitlob sforzi msaħħa biex jiżdied is-sehem ta' bastimenti rreġistrati taħt il-bnadar tal-UE.

Brussell, l-10 ta' Lulju 2024

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Oliver RÖPKE

([7]) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Strateġija industrijali għas-settur tat-teknoloġija marittima" (ĠU C 100, 16.3.2023, p. 31).